



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 27.5.2021  
C(2021) 3584 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 27.5.2021**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi għal xorb spirituż fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar ta' xorb spirituż ieħor**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Attwalment, ir-Regolament (UE) 2019/787 ma jirrikjedix li l-isem ġuridiku ta' xorb spirituż li jalludi għall-kategorija ta' xarba spirituża waħda jew aktar jew għall-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jenħtieġ li jidher fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni. Dan l-att delegat għandu l-għan li jispeċifika l-kundizzjonijiet għat-tikkettar ta' dan ix-xorb spirituż.

Fil-fatt, fin-nuqqas ta' dan ir-rekwiżit, in-natura attwali tax-xarba spirituża tista' ma tirriżultax b'mod ċar u t-tikkettar jista' jwassal lill-konsumaturi biex jemmnu li l-allużjoni hija l-isem attwali tax-xarba spirituża. F'ċerti każijiet, dan jista' jirriżulta fl-abbuż tar-reputazzjoni ta' xarba spirituża (kategorija jew Indikazzjoni Ġeografika) li l-isem ġuridiku tagħha jsir allużjoni għaliha, filwaqt li f'dan il-każ ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti tal-produzzjoni stabbiliti għal kull kategorija ta' xarba spirituża fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/787 jew mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott rilevanti.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Ċerti Stati Membri indikaw lill-Kummissjoni li n-nuqqas ta' dispożizzjoni li tirrikjedi li jiġi indikat l-isem ġuridiku tax-xarba spirituża fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni ta' xarba spirituża waħda jew aktar, idgħajjef id-dispożizzjoni li jikkonċernaw lil din tal-aħħar.

Twettqu konsultazzjonijiet li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru kollha bħala tħejjija għal-laqgħat, u baqgħu għaddejjin anki matulhom, tal-Grupp ta' Esperti għall-Organizzazzjoni Komuni għal Swieq Agrikoli – Xorb Spirituż li saru (virtwalment) fit-13 ta' Ottubru u t-3 ta' Diċembru 2020, kif ukoll fid-9 ta' Frar u t-28 ta' April 2021. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni wassal għal kunsens mifrux dwar l-abbozz tar-regolament delegat.

Ġie rreġistrat ukoll kunsens waqt il-konsultazzjoni pubblika ġenerali mwettqa permezz tal-pubblikazzjoni tal-abbozz tar-regolament delegat fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar bejn is-26 ta' Marzu u t-23 ta' April 2021. Is-sħab tad-WTO ġew innotifikati.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u jikkonċerna biss dispożizzjoni waħda li l-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li temendaha skont il-paragrafu msemmi. Jenħtieġ li jiġi adottat skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2019/787.

Artikolu 1: Dan l-Artikolu jipprevedi li l-isem ġuridiku ta' kwalunkwe xarba spirituża li tagħmel allużjoni għall-isem ta' kategorija ta' xarba spirituża jew għall-Indikazzjoni Ġeografika tax-xorb spirituż biex jidher fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni. Dan għandu l-għan li jevita li l-konsumaturi jiġu żgwidati dwar il-kontenut tax-xarba spirituża li tirriżulta minn dan.

Artikolu 2: Dan l-Artikolu jipprevedi perjodu tranżitorju li jippermetti x-xorb spirituż ikkonċernat mir-Regolament attwali li ġie ttikkettat qabel il-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, biex jibqa' jitqiegħed fis-suq mingħajr il-ħtieġa li jiġi ttikkettat mill-ġdid.

Artikolu 3: Dan l-Artikolu jipprevedi l-applikazzjoni simultanja tal-emenda prevista fl-Artikolu 1 u d-dispożizzjoni li tirreferi għaliha (jiġifieri l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/787) li, skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) 2019/787, se japplika mill-25 ta' Mejju 2021.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 27.5.2021

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allużjonijiet għall-ismijiet ġuridiċi ta' xorb spirituż jew Indikazzjonijiet Ġeografiċi għal xorb spirituż fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar ta' xorb spirituż ieħor**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/787 jistabbilixxi regoli dwar kif jidhru l-allużjonijiet għall-isem ġuridiku ta' kategoriji ta' xorb spirituż jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar ta' xorb alkoħoliku.
- (2) L-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2019/787 ma jirrikjedix li l-isem tax-xarba alkoħolika li tirriżulta jidher fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni. Fejn l-isem tax-xarba alkoħolika jidher f'kamp viżiv differenti mill-allużjoni, il-konsumaturi jistgħu madankollu jaslu biex jemmnu li l-allużjoni hija parti mill-isem tax-xarba alkoħolika, partikolarment fil-każijiet fejn ix-xarba alkoħolika li tirriżulta tkun xarba spirituża.
- (3) Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, din l-allużjoni tista' tapprofitta bla bżonn mir-reputazzjoni ta' kategoriji ta' xorb spirituż jew ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, li, meta kkombinati ma' oġġetti tal-ikel oħra li mhumiex meħtieġa jew permessi fil-produzzjoni tagħhom, jtilfu n-natura tagħhom u ma jkunux jistgħu jibqgħu jiġu ttikkettati bħala tali. Għaldaqstant, il-wiri ta' daww l-ismijiet b'mod prominenti fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar tax-xarba spirituża li tagħmel allużjoni għalihom, jista' jirriżulta effettivament f'miżapproprjazzjoni tar-reputazzjoni tagħhom.
- (4) L-Artikolu 7(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jirrikjedi li l-informazzjoni dwar l-ikel m'għandhiex tiżgwi, partikolarment fin-natura u l-identità tal-ikel. L-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament jipprevedi li l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel, inkluż l-isem tal-oġġett tal-ikel, għandha tiġi pprovduta u l-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament jirrikjedi li l-

<sup>1</sup> ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

informazzjoni obbligatorja tiġi mmarkata f'post li jidher b'tali mod li tkun tidher faċilment, tinqara sew u, fejn adegwat, ma titħassarx.

- (5) F'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/787, ir-rekwiżiti tal-preżentazzjoni u t-tikkettar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 japplikaw għax-xorb alkoħoliku li jirriżulta mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż ma' oġġetti tal-ikel oħra. Sabiex jiġi żgurat li dawg ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati bl-aħjar mod, partikolarment għax-xorb spirituż li jagħmel allużjoni għal xorb spirituż ieħor, huwa xieraq li jkun rikjest li l-isem ġuridiku tax-xorb spirituż li jirriżulta, jidher fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni ta' xorb spirituż. Jenħtieġ li dan isir kull darba li l-allużjoni tiġi indikata fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni jew fit-tikkettar ta' xarba spirituża. Dan jevita Prattiki li jiżgidaw u jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu infurmati kif xieraq rigward in-natura attwali tax-xarba spirituża li tirriżulta mill-kombinazzjoni ta' xorb spirituż ma' oġġetti tal-ikel oħra.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/787 jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Jenħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jippermetti lix-xorb spirituż ittikkettat qabel il-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> jibqa' jitqiegħed fis-suq mingħajr il-ħtieġa li jiġi ttikkettat mill-ġdid.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 51(3) tar-Regolament (UE) 2019/787 u sabiex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' vojg regulatorju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika retroattivament mill-25 ta' Mejju 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2019/787, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “4. L-allużjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3:
- (a) ma għandhomx ikunu fuq l-istess linja bħall-isem tax-xarba alkoħolika; u
  - (b) għandhom jidhru b'tipa ta' daqs li ma jkunx akbar minn nofs id-daqs tat-tipa użata għall-isem tax-xarba alkoħolika u, fejn jintużaw termini komposti, b'tipa ta' daqs li ma jkunx akbar minn nofs id-daqs tat-tipa użata għal tali termini komposti, f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 11(3); u
  - (c) fil-każ ta' allużjonijiet fid-deskrizzjoni, fil-preżentazzjoni u fit-tikkettar ta' xorb spirituż, dawn jiġu akkumpanjati dejjem bl-isem ġuridiku tax-xarba spirituża, li għandu jidher fl-istess kamp viżiv tal-allużjoni.”.

#### *Artikolu 2*

Ix-xorb spirituż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12(4), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/787 kif emendat b'dan ir-Regolament, iżda li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u li ġie ttikkettat qabel il-31 ta' Diċembru 2022 jista' jibqa' jitqiegħed fis-suq sakemm jispiċċaw l-istokkijiet.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-25 ta' Mejju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.5.2021

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*